**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 4 ta` April 2017.**

**Rikors Nru. 508/14 JZM**

**Wara l-atti tal-mandat ta` sekwestru bin-numru 817/2014 fl-ismijiet :**

**Allcare Insurance Limited (C58360)**

**v**

**David Borg Saydon (ID 544779M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta David Borg Saydon ["**l-ezekutat**"] fit-12 ta` Gunju 2014 fejn, ghar-ragunijiet li spjega, talab lill-qorti sabiex tirrevoka l-mandat fl-ismijiet premessi *(i) ai termini tal-art 836(1)(f) jew li jigi ridott ai termini ta` l-art 836(1)(d) tal-Kap 12 ; u (ii) li l-qorti tikkundanna lil AIL thallas penali ai termini tal-art 836(8) ghar-raguni mnissla fil-para (b) jew (d) tal-istess billi, qabel ma gie pprezentat ir-rikors ghall-hrug tal-mandat in kwistjoni AIL lanqas biss infurmat lir-rikorrent li kellha pretensjoni krontih, wisq anqas talbitu jhallas jew jipprovdi garanzija u billi f`kull kaz il-mandat hu malizzjuz jew vessatrorju billi hu ntiz biss biex ifixkel lir-rikorrent fl-ghixien tieghu fuq basi ta` kuntratt impost b`att li jikkostitwixxi reat.*

Rat ir-risposta li Allcare Insurance Limited ["**l-ezekutanti**"] ipprezentat fil-25 ta` Gunju 2014 fejn ghar-ragunijiet hemm spjegati sostniet *illi t-talbiet tas-sekwestrat David Borg Saydon ghandhom jigu kollha michuda.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Qabel ma` l-Qorti tqis it-talbiet, tajjeb jinghad illi l-ezami li trid taghmel ghandu jkun wiehed *prima facie* (ara l-provvediment ta` din il-qorti diversament presjeduta tal-15 ta` Lulju 2015 : "**Conrad Borg vs De La Rue Currency Print Ltd et**").

Fil-provvedimenti li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Mejju 2001 fil-kaz ta` "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove` et**" u fid-29 ta` Novembru 2001 fil-kaz ta` "**Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et**" inghad illi "*mid-dispozizzjoni tal-Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta` prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*"

(ara wkoll il-provvediment li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Gunju 2002 fil-kaz ta` "**Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti**" u l-gurisprudenza hemm citata).

**Ikkunsidrat :**

**L-ezekutant qed jitlob ir-revoka tal-mandat abbazi ta` l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12.**

Id-disposizzjoni tistipola li mandat jigi revokat jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Dwar id-disposizzjoni din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvediment tat-30 ta` April 2015 fil-kaz "**Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et**" qalet :-

*" … gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "**Spiteri v Darmanin"** - (PA/JRM) dec. fil-25 ta` Awwissu 2010 :*

*'Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "**Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et**' .*

*Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z- zamma fis-sehh tal-Mandat issam`ghadux il-kaz"*

Sabiex it-talba tirrizulta attwabbli hemm bzonn illi l-ezekutat jipprova li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi wara l-hrug tal-mandat.in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo."

Fil-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta` Awissu 2012 fil-kaz ta` "**Jamar Malta Limited vs Office Group Limited**" inghad hekk :–

*"Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, ilkwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din ittifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. **"Spiteri vs Camilleri"** ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "**Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona**" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "**Fenech noe vs Spiteri noe et**")."*

Fl-istess sens kien il-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta` Marzu 2014 fil-kaz "**James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et**" u dak tat-22 ta` Ottubru 2015 fil-kaz ta` "**George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et**".

Il-Qorti taqbel ma` din il-linja ta` gurisprudenza.

Effettivament ghandu jirrizulta li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li jwassal lill-Qorti biex tiddeciedi li mandat li fil-bidu kien ragjonevoli jew gustifikabbli, in segwitu ma baqax.

Mill-atti l-Qorti ma ssib l-ebda argument sostenibbli li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li jista` jwassalha biex tikkonkludi li l-mandat ma baqax ragonevoli jew gustifikabbli bhal ma kien fil-bidu meta hareg.

L-argument li qed jaghmel l-ezekutat huwa illi l-mandat jistrieh fuq kuntratt impost fuqu li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 452 u tar-Regolamenti dwar il-Harsien ta` l-Impjiegi fit-Trasferiment ta` Negozju (LS 482.85). Skont ir-rikorrent, dik l-imposizzjoni tikkostitwixxi reat.

Madanakollu analizi ta` din ix-xorta m`ghandhiex issir fi procediment sommarju bhal dak tal-lum.

Il-Qorti hija sprovvista minn prova jew indikazzjoni li kien hemm bdil fic-cirkostanzi kif trid id-disposizzjoni.

**Ghalhekk it-talba skont l-Art 836(1)(f) qeghda tkun respinta**.

**Ikkunsidrat :**

**L-ezekutat talab riduzzjoni abbazi tal-Art 836(1)(d).**

Id-disposizzjoni tistipola illi l-mandat jista` jigi revokat fil-kaz illi jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta` Setembru 2008 fil-procediment ta` bejn "**Casino-For-Me Limited u Chartwell Games (Malta) Limited**" inghad illi ghar-rigward tal-paragrafu (d) dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa ta` ghajn l-ezekutant ghandux "*fumus juris*" ghaliex persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha, sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza dwar il-mertu.

Fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Lulju 2005 fil-procediment "**<u>Galea vs Steward</u>**" inghad hekk :-

*Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta` Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta` pretensjoni, (dak li f`oqsma ohra ta` dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f`somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m`ghandu qatt jinsa f`dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat.*

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti stess fit-13 ta` Awissu 2013 fil-procediment dwar Rikors Nru. 982/2012 fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : "**<u>Debono vs Demanuele et</u>**" inghad hekk :-

*Fil-provvediment taghha tad-29 ta` Lulju 2005 filprocediment Rikors Nru. 336/2005 din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*

*Wiehed m`ghandu qatt jinsa li f`dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f`dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu blebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova filmertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru. (ara wkoll : PA. RCP. 10 ta` Mejju 2001. "Camilleri et vs Gove` et" u PA. RCP. 7 ta` Frar 2001. "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd")."*

Riferibbilment ghall-kaz in ezami, ir-rikorrent sostna li l-valur tal-mandat ghandu jigi ridott sostanzjalment ghaliex ma jirrispekkjax it-telf li l-ezekutanti tista` tghid li sofriet anki jekk ghandha ragun dwar ir-responsabbilita`. Mill-banda l-ohra, l-ezekutanti irrimarkat illi din il-Qorti ma tistax tidhol fl-indagni

tal-quantum tad-danni ghaliex dik materja li tidhol u tolqot direttament il-mertu tal-kwistjonijiet ta` bejn il-partijiet.

Minn ezami *prima facie* tal-kontenut tar-risposta tas-socjeta sekwestranti, il-Qortitqis illi ghalkemm is-somma pretiza tidher konsiderevoli, ma tidhirx eccessiva ; *prima facie* hija ustifikata, tenut kont tat-talbiet li saru fil-mertu, fejn qed jinghad illi kagun tal-azzjonijiet tar-rikorrent, l-ezekutanti tilfet kwantita` ta` klijenti, kif ukoll kellha tnaqqas il-*premia* li bhala norma kienet titlob lill-klijenti taghha.

**Ghalhekk it-talba skont l-Art 836(1)(d) qeghda tkun respinta wkoll**.

**Ikkunsidrat :**

**Ir-rikorrent talab il-hlas ta` penali abbazi tal-Art 836(8)(b) jew (d).**

L-Art 836(8) jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie prezentat l-att f`numru specifikat ta` kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu.

Din il-Qorti tghid illi l-fatt wahdu li ma tkunx inghatat raguni tajba mill-ezekutat ghat-thassir tal-Mandat (kif gara fil-kaz tal-lum) ma jfissirx li, jekk kemm–il darba tirrizulta xi wahda mill-erba` cirkostanzi ndikati fl-Art 836(8) tal-Kap 13, il-Qorti m`ghandhiex tilqa` t-talba ghall-hlas ta` penali. Il-penali hija materja ta` ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b`abbuz. L-esercizzju tad-diskrezzjoni fl-imposizzjoni ta` l-penali ghandu jkun motivat u sostnut mill-assjem tal-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

Issa fil-kaz tal-lum, qed tigi invokata l-applikazzjoni ta` l-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta – ossija din il-Qorti qed tintalab sabiex timponi penali peress li li l-ezekutanti naqset milli tghid b`raguni tajba ghaliex harget il-Mandat bla ma fi zmien ta` hmistax-il jum qabel dak il-hrug ma kenitx talbet lill-ezekutata biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni dedotta fil-Mandat (paragrafu b) u li t-talba ghall-hrug tal-Mandat attakkat saret mill-ezekutanti b`hazen, ghal raguni fiergha u vessatorjament (paragrafu d)

Illi dwar l-ewwel cirkostanza, il-ligi trid li qabel ma jinhareg mandat (u sakemm ma jkunx hemm ragunijiet cari ta` urgenza) l-ezekutant ghandu jitlob lid-debitur tieghu fi zmien hmistax-il jum, biex ihallsu d-dejn li ghandu mieghu. Daqstant iehor trid li, wara li jkun inhareg il-mandat, l-ezekutat jitlob lill-ezekutant biex inehhi l-mandat u dan tal-ahhar jonqos li jaghti raguni tajba biex ma izomm dak il-Mandat fis-sehh. (ara l-provvediment ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tat-23 ta` Dicembru 2011 fil-kaz ta` bejn **<u>Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited</u>** u **<u>Market Handle Limited et</u>**).

It-talba li ssemmi l-ligi ma tridx tkun ta` bilfors wahda solenni fis-sura ta` att gudizzjarju jew kawza formali. Bizzejjed jekk tkun verbali.

Fil-kaz tal-lum, l-ezekutanti wriet li, qabel ma sar il-mandat, baghtet ittra lir-rikorrent fl-20 ta` Novembru 2013 fejn inghad : "*The Company shall hold you responsible for any and all damage or loss that it may incur as a result of any breach of your contract of employment and/or fiduciary obligations.*" (fol 24)

Baghtet ukoll email fl-4 ta` Frar 2014 fejn inghad : "*May I take this opportunity to remind you one more time that you are still bound by all the clauses of your employment contract that survive the termination of your employment. In the event that you breach any of your obligations, we would unavoidably have to take all necessary preventive and remedial action.*"

Gie sostnut fir-risposta ta` l-intimata illi direttur manigerjali tas-socjeta` kien informa lir-rikorrenti li dan kien ser ikollu jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe danni li setghet tinkorri s-socjeta` esponenti jekk huwa jipprova jattakka l-klijentela taghha.

**Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma ssibx l-estremi biex timponi penali skont kif irid il-paragrafu (b).**

**Ghar-rigward tat-talba abbazi tal-paragrafu (d),** il-Qorti tqis li r-rikorrent ma ressaqx provi jew argumenti tajbin bizzejjed biex turi li l-mandat inhareg mill-ezekutanti b`hazen u b` malizzja u sar vessatorjament.

Il-Qorti ghandha timxi fuq il-massima li l-bona fede hija prezunta u li l-hazen irid jigi ippruvat (App. Civ **7.7.1920** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Miller Blacker pro et noe vs Howard</u>** <u>(Kollez. Vol: **XXIV.i.554)**</u>

Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-att kawtelatorju mahrug fuq talba ta` l-intimata hu wiehed gustifikat u jezistu c-cirkostanzi necessarji biex jinhareg l-istess mandat de quo. Ma jirrizultax li l-istess mandat kiene mitlub frivolozament jew b`mod vessatorju. Dak li ghamlet l-intimata kien illi tissalvagwardja l-interessi taghha. Il-qorti tirrespingi l-fondatezza tal-argument li gab ir-rikorrent biex isostni t-talba ghall-fini ta` dan il-procediment.

**Il-Qorti ma ssibx li l-agir tal-ezekutanti kien tali li jwassal lill-qorti sabiex tintervjeni bl-imposizjoni ta` penali skont il-paragrafu (d).**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**L-ispejjez tal-provvediment tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**